## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, l-Erbgħa tlieta (3) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 241/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Josef Gauci)***

Vs

**Steven Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Steven Zahra**, iben Joseph u Mary Ann, imwieled il-Kanada fit-tmienja (8) ta' Settembru 1968 u residenti "Green

Hills", Block 2, Flat 5, Triq is-Salini, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 512786(M) talli nhar is-sbatax (17) ta' Awissu 2023 għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) u t-tmienja ta' filgħodu (08:00hrs) ġewwa Triq is-Salini, Żebbuġ, Għawdex:

(1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;[1]

(2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Maria Anna Abela.[2]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Anna Abela skont it-termini tal-artikolu 393 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

---

[1] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sbatax (17) ta’ Awissu 2023 il-kwerelanta Maria Anna Abela irrappurat li fil-ġurnata ta’ qabel hija kienet tefgħet xi *spray* kontra l-moffa fil-propjeta tagħha. Dakinhar hija kienet reġgħet tefgħet l-ispray wkoll. Fis-sitta ta’ filgħodu (06:00hrs) Steven Zahra li huwa ġar tagħha beda jgħajjat li kien se jmur għaliha u għal dik li għandha magħha bis-senter. Hija ma kinitx ċerta jekk dan il-kliem kienx indirizzat lilha. Fit-tmienja neqsin kwart ta’ filgħodu (07:45hrs) hija ħarġet bil-kelb tagħha u kif Zahra raha ħareġ fil-gallarija u beda jgħidilha li kienet tefgħatlu l-ispirtu tal-melħ u anke heddidha.

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li l-akkużi ġew pruvati. Dan għaliex mix-xhieda ta’ Maria Anna Abela jirriżulta b’mod mill-aktar ċar kif dakinhar tas-sbatax (17) ta’ Awissu 2025 hija kienet ġiet mhedda minn Zahra. L-azzjoni tal-akkużat nislet wkoll f’ moħħ il-parte civile sens ta’ tħassib għall-inkoluminita fiżika tagħha. Dan kif jirriżulta wkoll mill-istess xhieda tal-parte civile.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 7(2), 13, 17, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qiegħda issib **lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu** u qiegħda

tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsin ewro (€ 50) għal kull akkuża li tagħha instab ħati u għalhekk **<u>ammenda komplessiva ta' mitt ewro (€ 100)</u>**.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Anna Abela kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000).

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft) Joseph Grech

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur